MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Numru 141/2003

**Il-Pulizija**
(Spettur Simon Galea)
**vs**
**Denis Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Denis Calleja imwieled Pieta' fil-15 ta' Lulju 1975, bin Joseph u Giovanna xebba Sghendo u li joqghod gewwa l-fond numru 22,Charlotte Alley, Ghargur u bin-numru tal-karta ta' l-identita 363575 (M).

Talli:

F’dawn il-gzejjer fl-24 ta’ Novembru 2000 u fix-xhur ta’ qabel u b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizjonijiet tal-ligi u li kienu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda bhala detentur ta’ ghalqa fil-limiti ta’ Bahar ic-Caghaq jew persuna illi kella f’idejha l-imsemmi fond b’mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta’ ilma u dawl minn meter ta’ l-ilma u dawl li jinsabu fl-imsemmi fond liema serq jammonta ghal aktar minn mitt lira Maltija izda mhux aktar minn elf lira Maltin ghad-dannu tac-Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma liema serq hu aggravat bil-valur, liema valur huwa ta’ iktar minn mitt lira Maltin (LM100) izda inqas minn elf lira Maltin (LM1000), hin u mezz.

W aktar talli fl-istess zmien ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi apparat jew kannen tas-Servizz Pubbliku ta’ l-Ilma.

W aktar talli fl-istess zmien ghamel hsara volontarja fil-makkinarju jew gumnii tal-elettriku jew ikkaguna telf ta’ kurrent elettriku.

W aktar talli fl-istess zmien ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista ta’ l-elettriku jew sigilli taghhom.

W aktar talli sar sar ricediv b’diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistratii liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati.

Rat l-artikolu 261, 263, 267, 325 u ssibu hati tar-reati kontemplati tahthom. Rat wkoll l-artikolu 28A tal-Kapitolu

9 u tiddeciedi li tapplika dan l-Artikolu bit-tama li l-akkuzat jibdel triqtu u billi ghamel tajjeb tas-serq u tal-hsara.

Ghalhekk issib lill-akkuzat hati, tikkundannah sena prigunerija, liema sentenza m'ghandhiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat iehor fi zmien sentejn (2) minn illum. Il-Qorti qed twissi lill-hati bl-implikazzjonijiet ta' din is-sentenza a tenur ta' l-artikolu 28A  u 28B tal-Kapitolu 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------